QALA

Ref Nru: 18

Il-minuti tat-tmintax -il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2013, fis-6:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Paul Buttigieg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti tas-sittax u tas-sbatax -il laqgha.

2.1 Peress li l-minuti tas-sittax u tas-sbatax -il laqgha tqassmu qabel, dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3 *Qala International Folk Festival* 2013.

3.1 Is-Sindku semma li l-*Qala International Folk Festival* 2013 kien bhas-soltu ta' success. Huwa ta spejgazzjoni tal-attivitajiet li saru u li l-Menhir Qala Folk Group taw l-ghajnuna taghhom. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-gruppi ahjar kieku jkunu minn zewg pajjizi differenti u mhux mill-istess pajjiz. Gie diskuss li z-zewg gruppi li ngabu avolja kienu t-tnejn minn Sqallija imma kienu zewg gruppi bis-stil differenti. Izda darba l-Kunsill jipprova jgib gruppi minn pajjizi differenti.

QALA

## 4 Il-harga f'Malta.

4.1 Is-Sindku semma li l-harga f'Malta kienet ta' success ukoll. Din il-harga kienet tikkonsisti f' *shopping* mill-monti tal-Birgu, waqfa ghal kafe` offrut mill-Kunsill ta' Haz-Zabbar u zjara fil-*Malta National Aquarium*.

## 5 Ambaxxatur fil-Kunsilli Lokali.

5.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva *memo* 26/2013 fejn il-Kunsilli gew mitluba sabiex jinnominaw l-ambaxxatur jew l-ambaxxatrici fil-Kunsilli Lokali. Is-Sindku semma li qed jinnomina lil Christof Caruana u l-Kunsillier Paul Buttigieg semma li qed jinnomina lil Gabriela Curmi. Is-Sindku talab lil membri l-ohra sabiex jekk jridu jaraw lil minn jixtiequ jinnominaw u li ghandha jsir decizjoni fl-laqgha ohra tal-Kunsill.

## 6 Il-gazzetta tal-Kunsill.

6.1 Is-Sindku talab lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-messagg taghhom ghall-gazzetta tal-Kunsill li jmiss.

## 7 Premju Unur Gieh il-Qala 2013.

7.1 Is-Sindku ppropona li Premju Unur Gieh il-Qala 2013 ghandu jinghata lil Geoffrey Muscat li huwa ufficjal tal-*fire and rescue* peress li dan l-ahhar salva hafna hajjiet ta' nies. Tqajjem il-punt illi dan huwa parti mix-xoghol tieghu u li allura dan il-premju jista` jinghata lil kull min jaghmel ix-xoghol tieghu. Gie deciz li l-Kunsill ghandu jiccekkja biex jara huwa marx *beyond his duties*. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara jsibx persuni ohra li jistghu jigu nnominati u fil-laqgha li jmiss ghandha jsir decizjoni dwar lil min ghandu jinghata dan il-premju.

## 8 Sejha ghall-offerti u kwotazzjonijiet.

8.1 Is-Sindku semma li nharget sejha ghall-offerti ghal provvista u konsenja ta' *porfido paving slabs* u xoghol ta` tqeghid ta' dan il-*porfido paving slabs* u xogholijiet ohrajn relatati ghat-titjib ta' *Visitor's Experience* fi Pjazza San Guzepp, Qala bhala parti mill-progett '*Exploring and Improving Qala's Quality of Life through Heritage Trail*'. Inharget sejha wkoll ghal erba' kwotazzjonijiet ghat-tikhil tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ser jaghti l-ghajnuna tieghu fejn ser jipprovdi l-konkos ghax-xoghol li ser isir fil-pjazza. Is-Sindku semma wkoll li ser jigi ffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-Kurja dwar il-pjazza wara li jitlesta x-xoghol. Il-Kunsillier Paul Buttigieg fakkar sabiex is-*shelter* li hemm fil-pjazza jithalla miftuh u mhux jinghalaq max-xoghol. Gie diskuss li ghandha jsir *schedule* tal-prezzijiet. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar is-sigar li hemm fil-pjazza dwar jekk ghandhomx jitnehhew jew le.

8.2 Is-Sindku semma li kien hemm xi rapporti fuq gazzetta lokali kif ukoll l-Kunsill ircieva *email* mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghal kummenti tal-Kunsill dwar is-sejha ta' erba' kwotazzjonijiet ghat-tikhil tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Huwa semma li r-raguni ghaliex sar hekk huwa sabiex jinghata xoghol lil aktar nies. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li mhux hekk kien gie deciz fl-ahhar laqgha, izda kien gie deciz li tinhareg sejha wahda ghall-offerti. Il-Vici Sindku qabel mieghu u qal li tant li hu hekk li wara l-ahhar laqgha huwa kien gie kkonsultat minn kahhal fejn staqsieh dwar ix-xoghol fuq dan il-progett u li huwa stess informah li ser tinhareg sejha ghall-offerti. Is-Sindku semma li mhux hekk kien gie deciz. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ahjar kieku nharget sejha ghall-offerti sabiex ikun hemm kahhal wiehed peress li l-*area* hija sensattiva. Is-Sindku semma li jekk ikun hemm erba` kahhala dejjem ser ikun hemm il-Perit responsabbli tax-xoghol li jsir u li din hija sitwazzjoni bhal ma kellna ghall-offerti tat-tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix fejn kienet nharget sejha ghal zewg offerti ghal dan is-servizz peress li l-lokalita` giet maqsuma fit-tnejn. Is-Sindku semma li ghandu jithalla kollox kif inhu u imbaghad x'hin jasal il-waqt ta' l-ghazla, isir diskussjoni u tigi ggustifikatha l-ghazla.

**9 EAFRD mizuri 313 u 323.**

9.1 Is-Sindku semma li l-progett li qed isir permezz tal-fondi tal-EAFRD tal-mizura 323 kwazi lest. Huwa semma li kien hemm hafna dewmien peress li l-kuntrattur dam hafna ma gie ikompli x-xoghol u fiz-zmien li gie biex ikompli tah attakk tal-qalb, imma imbaghad wara xi zmien, kompla. Huwa semma li l-progett tal-mizura 313 ha jinghata bidu ghalih wara li jkunu lesti x-xogholijiet tat-323. Huwa semma wkoll li ser jinbdew ix-xogholijiet fuq il-progett tal-pjazza wkoll.

**10 Organizzazzjoni ta' l-korsijiet.**

10.1 Is-Sindku semma li ser jigu organizza l-korsijiet taz-zumba u tal-pjanti.

**11 Zjarja fic-Cina**

11.1 Is-Sindku semma li huwa flimkien mas-Sindku tal-Qrendi gew nnominati mill-Ministru tat-Turizmu sabiex jattendu *seminar* fic-Cina dwar l-Agrikultura. Huwa semma li ma nhargux spejjez mill-Kunsill ghal din iz-zjarja peress li gie ffinanzjat kollu mill-Gvern Ciniz.

**12 Materji ohra.**

12.1 Is-Sindku semma li gew xi ufficcjali mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn fl-ahhar sar it-trasferitment bejn Mario Portelli u l-istess Dipartiment tal-latrini pubblici fi Triq il-Wardija u Triq it-28 t'April 1688. Is-Sindku semma li d-Direttur tad-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp irrid li l-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma tal-latrina l-gdida jibdew jithallsu mill-Kunsill. Is-Sindku semma illi l-latrina m'hiex devoluta lill-Kunsill u ghalhekk dan

QALA

m'ghandux isir. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lid-Direttur ta' l-Artijiet u l-MEPA dwar il-bankina tal-latrina l-gdida li qedha ta' periklu ghal kull minn jghaddi minn hemm kif ukoll l-accessabilita` li wkoll qieghed ta' periklu. Gie deciz li tintbghat kopja ta' din l-ittra lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp, lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita` u lil tal-*Health and Safety*.

12.2 Il-Vici Sindku ta rendikont dwar l-ahhar zviluppi dwar il-propost zvilupp fil-Wied tal-Marga.

12.3 Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li l-latrina pubblika li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien ghandha tinghalaq bil-lejl.

12.4 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li qed isir it-tqattieh tal-blat tal-qawwi vicin il-Fortizza ta' Sant Antnin. Is-Sindku semma li kien sar rapport f'Awwissu 2013 dwar dan permezz tas-sistema tal-*customer care*. Huwa semma li ser isir rapport iehor minhabba dan it-tqattieh tal-blat li ghadu qed isir.

12.5 Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa kienetx saret xi laqgha mad-Dipartiment tad-Drenagg. Is-Sindku semma li saret laqgha ma ufficcjali tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma wara talba mill-Vici Sindku sabiex isir din il-laqgha sabiex tigi diskussa il-problema tad-drenagg fi Triq il-Kuncizzjoni. Huwa semma li ghal din il-laqgha kienu prezenti huwa u l-Vici Sindku. Huwa ta rendikont ta' dak li gie diskuss fuq ir-*raising main* li jrid jigi mibdul.

12.6 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva kont iehor mill-ARMS Ltd tal-ispejjes tad-dawl u tal-ilma ta' 'Gnien il-Familja'. Huwa semma li kien gie mqabbad l-inginier Francarl Galea sabiex jaghmel rapport dwar il-konsum tad-dawl ta' dan il-gnien. Is-Sindku ta rendikont tar-rapport li gie mhejji fejn irrizulta li l-Kunsill qed jahli 48.4% tal-konsum. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandu jintbghat kopja ta' dan ir-rapport u kopja tal-ewwel kont li rcieva l-Kunsill lil min qed mikri l-*clubhouse* sabiex huwa jhallas il-proporzjon tieghu.

12.7 Il-Kunsill ddiskuta l-pannelli *photovoltaic* fi 'Gnien il-Familja' li m'humiex jahdmu sewwa. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra b'Avukat lill-kumpanija Alberta, l-kumpanija li pprovdiet u installat dawn il-pannelli kif ukoll lil l-Inginiera ta' *Galea Curmi Consultants Ltd.* li hadu hsieb u ccertifikaw ix-xoghol li sar.

12.8 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-18 t' Settembru 2013 sal-31 Ottubru 2013 minn referenza numru 184/13 sa referenza numru 206/13 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 53/2013 sa referenza numru 70/2013 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

12.9 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 4/2013, SP 5/2013, SP6 /2013 u SP 7/2013. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

**13 Korrispondenza.**

13.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

13.2 Il-Kunsill ircieva ittra minghand il-GAGF Manager Katya Scicluna mill-*Gozo Action Group Foundation* fejn il-Kunsill gie informat li l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill sabiex jinghata fondi permezz tal-EAFRD – Mizura 125 m'hiex valida. Is-Sindku semma li ser terga tinhareg sejha ghall-applikazzjonijiet. Is-Sindku semma li wahda mill-ragunijiet ghaliex ma gietx accettata l-ewwel applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill kienet ghaliex il-Kunsill applika ghal Triq il-Barbagann li ma kienetx fl-ewwel priorita` fl-*expression of interest* li kien issottometta l-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li jerga` japplika sabiex jaghmel parti minn Triq Wileg jew Triq Andar ix-Xaghari skond liema wahda hija l-ewwel priorita` u parti peress li l-Kunsill m'ghandux fondi bizzejjed sabiex jaghmilha kollha.

13.3 Avviz ta' seduta fit-tribunal ghal talbiet zghar Eric Mercieca vs Kunsill Lokali Qala dwar hlas ghal xi servizzi li huwa kien ta meta kien qed isir il-progett tas-Sala tal-Kommunita`. Is-seduta hija ghal nhar l-10 t'Ottubru 2013.

13.4 Notifika t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina *(Enforcement*) ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00278/13 fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2013.

Clint Camilleri
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva